**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/90/20/S

Richard Crispin Lindsay Bizzell u John Alfred Sherry

Vs

Mark Mussett ezercenti l-kummerc bhala Maze Car Hire

Illum 26 ta'Novembru,2020.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Richard Crispin Lindsay Bizzell u John Alfred Sherry ipprezentata fl-20 ta'Lulju,2020 filwaqt li Mark Mussett ezercenti l-kummerc bhala Maze Car Hire, ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta tat12 ta'Novembru,2020 quddiem dan it-Tribunal;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti John Alfred Sherry;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda depozitu li baqa' ma thallasx lura lir-rikkorenti wara li giet ritornata vettura mikrija;

Illi din il-pendenza ilha sena ghaddejja bid-depozitu ma jigix kontestat li jrid jithallas;

Illi jinghad mal-ewwel li l-intimat naqas milli jwiegeb ghat-talba rikorrenti u lanqas deher ghas-seduta li saret;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik rikorrenti li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega kif wasal ghat-talba mitluba;

Illi min-naha l-ohra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tieghu;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Richard Crispin Lindsay Bizzell u John Alfred Sherry u Jordna lill-intimat Mark Mussett ezercenti l-kummerc bhala Maze Car Hire ihallas lil Richard Crispin Lindsay Bizzell u John Alfred Sherry is-somma ta' €1114.40, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri gja inkluzi fl-imsemmija somma jithallsu mill-istess intimat Mark Mussett.

Richard Sladden Av.
Arbitru